Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,138, 21 ta' Lulju, 1995
Taqsima B

A.L. 100 ta' l-1995

ATT DWAR L-IMPRIŻA TA' L-ASSIGURAZZJONI (KAP. 290)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fond ta' Assigurazzjoni ta' l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 25 ta' l-Att dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fond ta' Assigurazzjoni ta' l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fond ta' Assigurazzjoni ta' l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 28 ta' l-1986.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1995.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu (6) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament li ġej:

"(7) Il-Kumitat, il-funzjonarji u l-impjegati tiegħu ma jkunux responsabbli għal danni għal kull ħaġa li ssir jew tonqos milli ssir fit-twettiq jew twettiq intiż ta' funzjoni li taqa' taħt dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ma jiġix pruvat li l-att ikun sar jew l-omissjoni naqset milli ssir, skond il-każ, *in mala fede*."

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (2) tiegħu, minflok il-kliem "kontribuzzjoni annwali ta'Lm100" għandhom jidħlu l-kliem "kontribuzzjoni annwali ta' Lm200"; u

(b) fil-paragrafu (3) tiegħu, minflok il-proviso li hemm miegħu għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda dan il-paragrafu ma japplikax għal-każ ta' assiguratur liċenzjat –

(a) li jkun għaqda ta' *underwriters* individwali u li jkun intrabat b'mod aċċettabbli għall-Ministru li jħallas kull talba f'każ ta' insolvibbiltà ta' *underwriter* membru; jew

(b) li t-transazzjonijiet ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni tiegħu jkunu ristretti għal xi klassi waħda ta' dak il-kummerċ jew għal xi riskju wieħed biss tiegħu u li dwaru, fil-każ ta' l-insolvenza ta' dak l-assiguratur, il-ħlas mill-Fond sabiex jagħmel tajjeb għal pretensjonijiet kontra dak l-assiguratur huwa eskluż bir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti u bis-saħħa tiegħu.".